

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13375/25

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0163 (COD)

CODEC 1383
TRANS 416
MAR 127

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fl-1 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 100(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Settembru 2023².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2024³.

¹ 10133/23 + ADD 1.

² ĠU C, C/2023/873, 8.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/873/oj>.

³ 10700/24.

5. Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi dwar ir-Regolament⁴ imsemmi hawn fuq, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
6. Fl-24 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi dwar ir-Regolament imsemmi hawn fuq. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁵.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument 10056/25 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 10056/25 ADD 1.
8. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.

⁴ 9436/25.

⁵ 13230/25.